**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-GIMGHA 8 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1707/01AE**

**M & E (Marketing and Entertainment) Limited**

**vs**

**Joseph Gauci bhala President, John Refalo bhala Segretarju u Anthony Mercieca bhala tezorier ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marza F.C.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm1,350) bilanc minn somma akbar ghal self moghti fl-1 ta'

Ottubru 1997 u kkonfermat permezz ta’ skrittura privata datata 17 ta’ Frar 1999.

Ra li l-konvenuti nomine, ghalkemm mir-riferta tal-marrixxall tal-Qorti jirrizulta li huma notifikati, baqghu ma deherux fis-seduta ta’ l-1 ta’ Frar 2002 u dik tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Christopher Cilia jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu s-somma ta’ elf tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm1,350) bilanc minn somma akbar ghal self moghti. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut nomine.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**